

2. It-tieni motiv, ibbażat fuq il-ksur tal-Artikolu 46(c) tar-Regolament (KE) Nru 45/2001, moqri fid-dawl tal-Artikolu 8(3) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, sa fejn il-KEPD qies b'mod żbaljat li kien inkompetenti sabiex jjehu konjizzjoni tal-ilment tar-rikorrent.

(<sup>1</sup>) Data kunfidenzjali ommessa.

## Rikors ippreżentat fl-20 ta' Lulju 2017 – TV vs Il-Kunsill

(Kawża T-453/17)

(2017/C 347/38)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

### Partijiet

Rikorrent: TV (rappreżentanti: L. Levi u A. Blot, avukati)

Konvenut: Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea

### Talbiet

— tiddikjara dan ir-rikors ammissibbli u fondat;

Konsegwentement,

- tannulla d-deċiżjoni tad-19 ta' April 2016 li tirrigwarda tkeċċija tar-rikorrent fi tmiem il-perijodu ta' prova tiegħu, jiġifieri fl-1 ta' Settembru 2016;
- tannulla d-deċiżjoni tal-Awtorità tal-Ħatra tal-11 ta' April 2017 li tiċħad l-ilment tar-rikorrent tal-4 ta' Novembru 2016;
- tagħti lir-rikorrent is-somma ta' EUR 20 000 għad-dannu morali subit;
- tikkundanna lill-konvenut għall-ispejjeż kollha.

### Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-rikors, ir-rikorrent jinvoka ħames motivi.

1. L-ewwel motiv, ibbażat fuq ksur tal-obbligu ta' motivazzjoni.
2. It-tieni motiv, ibbażat fuq l-illegalità tad-deċiżjoni kkontestata, sa fejn tikkonferma l-konklużjoni tal-opinjoni tal-Kumitat tar-Rapporti (CORAP), li ssostitwixxa l-evalwazzjoni tiegħu stess ma' dik tal-evalwaturi.
3. It-tielet motiv, ibbażat fuq żbalji manifesti ta' fatt u ta' liġi li jivvizzjaw il-motivi li fuqhom jibbaża r-rapport dwar il-perijodu ta' prova.
4. Ir-raba' motiv, ibbażat fuq assenza ta' kundizzjonijiet normali ta' perijodu ta' prova.
5. Il-ħames motiv, ibbażat fuq il-ksur tad-dmir ta' premura u tal-prinċipju ta' amministrazzjoni tajba.

Barra minn hekk, ir-rikorrent iqis li l-illegalitajiet esposti taħt il-motivi għal annullament għaldaqstant jikkostitwixxu nuqqasjiet min-naħa tal-konvenut. Huwa għaldaqstant jitlob ukoll il-kumpens għad-dannu morali li allegatament inholog minħabba deċiżjonijiet ikkontestati.